



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.7.2021
SWD(2021) 634 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

Li jakkumpanja d-dokument

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għal trasport bl-ajru sostenibbli**

{COM(2021) 561 final} - {SEC(2021) 561 final} - {SWD(2021) 633 final}

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għal trasport bl-ajru sostenibbli

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt dwar Proposta għal Regolament dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għat-trasport sostenibbli bl-ajru
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
Għaliex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?
Filwaqt li ż-żamma ta' kundizzjonijiet ekwi fit-trasport bl-ajru hija essenzjali, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-settur tal-avjazzjoni fil-livell tal-UE u f'dak globali żdiedu mill-bidu tas-snin 1990 u huma mistennija jkomplu jikbru sal-2050. Billi l-UE adottat miri klimatiċi ambizzjużi għall-2030 u l-2050, l-avjazzjoni trid taċċellera d-dekarbonizzazzjoni tagħha. Madankollu, is-settur għandu għażliet limitati biex inaqqas l-impronta tal-karbonju tiegħu, partikolarment minħabba d-dipendenza tiegħu fuq il-fjuwils fossili u n-nuqqas ta' teknoloġiji tal-fjuwils alternattivi maturi u kompetittivi f'termini ta' prezzijiet. Kif enfasizzat mill-Pjan ta' Mira għall-Klima tal-2030 tal-Kummissjoni, il-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli (SAF) għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur. L-SAF huma teknoloġikament vijabbli, u kompatibbli mat-teknoloġija eżistenti tal-inġenji tal-ajru u mal-infrastruttura tar-riforniment. Madankollu, is-suq tal-SAF jinsab wieqaf, u (i) il-produzzjoni u (ii) id-domanda għall-SAF huma baxxi. Dan huwa dovut (a) għal sfidi industrijali u kummerċjali li jinkludu kostijiet tal-produzzjoni għoljin u domanda kompetittiva għall-materja prima u l-elettriku rinnovabbli, (b) investimenti ta' riskju għoli biex tiżdied il-produzzjoni, u (c) il-qafas fiskali fis-seħħ li ma jippermettix l-adozzjoni tal-SAF u dan kollu fil-kuntest tan-natura kompetittiva ħafna tas-suq tat-trasport bl-ajru.
X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?
L-objettiv ġenerali ta' din l-inizjattiva huwa li tiżgura kundizzjonijiet ekwi fis-suq tat-trasport bl-ajru filwaqt li jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO ₂ tal-avjazzjoni f'konformità mal-objettivi tal-klima tal-UE għall-2030 u l-2050, billi ssir tranżizzjoni mill-fjuwil fossili tal-ġettijiet u jiġi sfruttat il-potenzjal għoli ta' dekarbonizzazzjoni tal-SAF, billi jiġi stabbilit suq kompetittiv għall-SAF, filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq tal-avjazzjoni. Minn naħa waħda, dan ifisser (i) il-kisba ta' produzzjoni u provvista ta' SAF b'kostijiet kompetittivi; l-ottimizzazzjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni eżistenti u t-tiżvilupp tal-impjanti ġodda tal-SAF fl-UE; u t-tnaqqis tal-kostijiet tal-produzzjoni permezz ta' ekonomiji ta' skala u effetti ta' tagħlim. Min-naħa l-oħra, dan ifisser (ii) il-kisba ta' adoxxjoni gradwali u kontinwa tal-SAF mil-linji tal-ajru; il-mitigazzjoni tar-riskji ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u l-iżgurar li l-linji tal-ajru jkollhom aċċess għas-suq tal-SAF abbażi ta' kundizzjonijiet ekwi.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?
Is-suq tal-avjazzjoni huwa wieħed integrat ħafna li jopera f'dimensjoni ta' network fl-UE kollha. Id-dimensjoni transfruntiera hija inerenti għat-trasport bl-ajru, u b'hekk kwalunkwe qafas regolatorju frammentat ikun ostaklu sinifikanti għall-operaturi ekonomiċi. Taħlita ta' miżuri nazzjonali tista' twassal għal effetti kontroproduttivi mhux intenzjonati. L-emissjonijiet tas-CO ₂ mill-avjazzjoni huma wkoll ta' natura transkonfinali u bħala tali ma jistgħux jiġu indirizzati fil-livell nazzjonali jew lokali biss. L-objettivi klimatiċi tal-UE x'aktarx li jintlaħqu b'mod effettiv jekk il-politika tiġi stabbilita fil-livell tal-UE. Fl-aħħar nett, l-objettiv li jinkiseb tkabbir kbir fil-produzzjoni u l-provvista tal-SAF jiġi indirizzat bl-aħjar mod fil-livell tal-UE, peress li s-settur tal-enerġija huwa integrat b'mod konsiderevoli mal-atturi tas-suq li joperaw l-aktar madwar l-UE.
B. Soluzzjonijiet
X'għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?
Il-miżuri proposti huma strutturati madwar rekwiżit regolatorju li jikkonsisti fl-iżgurar ta' kundizzjonijiet kompetittivi

ekwi fit-trasport bl-ajru u obbligu tal-SAF. L-għażliet ta' politika jipprovdu modi differenti għat-tfassil tal-obbligu. L-ewwel sett ta' Għażliet (A1 u A2) jinkludi obbligu fuq il-fornituri tal-fjuwil li jgħassmu l-SAF fl-ajruporti kollha tal-UE. It-tieni sett ta' Għażliet (B1 u B2) jinkludi obbligu fuq il-linji tal-ajru biex jadottaw l-SAF meta jtiru mill-ajruporti tal-UE (B1 tkopri t-titjiriet kollha, B2 tkopri t-titjiriet fl-UE biss). Fl-aħħar nett, it-tielet sett ta' Għażliet (C1 u C2) jinkludi obbligi fuq il-fornituri tal-fjuwil biex iqassmu l-SAF b'xi flessibilità fil-bidu, u fuq il-linji tal-ajru biex jużaw il-fjuwil tal-ġettijiet qabel ma jtilqu mill-ajruporti tal-UE. Il-miri tfasslu f'termini ta' volum tal-SAF għall-għażliet A1, B1, B2 u C1, u f'termini ta' tnaqqis tal-intensità tas-CO₂ tal-fjuwil tal-ġettijiet għall-A2 u C2. L-għażliet kollha fihom inċentivi biex jappoġġaw l-RFNBOs¹. L-għażliet kollha huma akkumpanjati minn miżuri ta' sostenn, li huma barra mill-ambitu ta' din l-inizjattiva. Dawn jinkludu l-intensifikazzjoni tal-azzjoni Ewropea fl-ICAO biex jiġu stabbiliti miri globali għall-użu tal-SAF, l-iggrawidjar ta' finanzjament lejn il-varar tal-SAF, l-istabiliment ta' alleanza strateġika li tappoġġa l-Fjuwils Rinnovabbli u b'livell Baxx ta' Karbonju, u l-iffaċilitar tal-proċess ta' ċertifikazzjoni tal-SAF. Partijiet oħra tal-qafas regolatorju tal-UE li bħalissa qed jiġi rivedut (eż. l-EU ETS, l-ETD u l-RED²) jistgħu jkomplu jappoġġaw il-varar tal-SAF. L-għażliet C1 u C2 huma l-għażliet ippreferuti billi jippermettu ż-żieda tal-produzzjoni u tal-adozzjoni tal-SAF b'mod sinifikanti f'konformità mal-ambizzjoni klimatika, b'distorsjonijiet tas-suq u rilokazzjonijiet tal-emissjonijiet tal-karbonju minimi, b'mod kosteffettiv.

Liema għażla u min jappoġġaha?

Il-maġġoranza l-kbira tal-partijiet ikkonċernati tal-avjazzjoni u l-industriji tal-fjuwil, l-Istati Membri u l-NGOs jappoġġaw l-istabiliment ta' obbligu tal-SAF bħala mekkaniżmu ta' politika effettiv biex tingħata spinta lill-produzzjoni u l-adozzjoni tal-SAF u biex jiġi dekarbonizzat b'suċċess is-settur tal-avjazzjoni. Il-partijiet ikkonċernati huma pjuttost maqsumin dwar id-disinn speċifiku tal-għażla iżda l-maġġoranza tal-fornituri tal-fjuwil, tal-Istati Membri, tal-NGOs u wħud mil-linji tal-ajru jappoġġaw obbligu ta' SAF min-naħa tal-provvista bi flessibilità fid-distribuzzjoni tal-fjuwil, u li jkopri l-fjuwil tal-ġettijiet fornut għat-titjiriet kollha li jtilqu mill-ajruporti tal-UE. Fl-istess ħin, il-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati jaraw il-ħtieġa ta' miżuri li jipprevjenu r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u d-distorsjoni fis-suq intern tal-avjazzjoni. Il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati jappoġġaw ukoll miżuri speċifiċi għas-sostenn tal-RFNBOs. Dawn il-miżuri kollha huma inklużi fl-għażliet ta' politika C1 u C2.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta?

L-għażliet ta' politika C1 u C2 iwasslu għal tnaqqis sinifikanti tal-emissjonijiet tas-CO₂ well-to-wing fis-settur tal-avjazzjoni, jiġifieri b'madwar 60-61 % sal-2050, meta mqabbla max-xenarju ta' referenza. L-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja jonqsu b'madwar 9 % sal-2050 meta mqabbla mal-linja bażi. B'mod ġenerali, il-kostijiet ambjentali tal-avjazzjoni (relatati mal-emissjonijiet tas-CO₂ u mal-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja) jitnaqqsu b'madwar EUR 87-88 biljun meta mqabbla mal-linja bażi, espressa bħala valur attwali matul il-perjodu 2021-2050. Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-SAF tiżdied b'25,5-25,6 Mt addizzjonali sal-2050. It-tfaċċar tal-SAF fis-suq iwassal għal tnaqqis kbir fid-dipendenza tal-avjazzjoni fuq il-fjuwil fossili tal-ġettijiet, li l-konsum tiegħu jonqos b'65 % sal-2050 meta mqabbel mal-linja bażi. Is-sigurtà tal-enerġija tal-UE tittejjeb hekk kif l-importazzjonijiet tal-enerġija fossili minn pajjiżi terzi jonqsu u l-materja prima u l-elettriku rinnovabbli għall-produzzjoni tal-SAF jinkisbu fl-UE (l-SAF prodott fl-UE jirrappreżenta 92 % tal-użu totali tal-SAF fl-2050). Skont l-għażliet ta' politika C1 u C2, it-teknoloġiji tal-SAF bl-akbar potenzjal ta' dekarbonizzazzjoni jitfaċċaw fis-suq fi kwantitajiet sinifikanti aktar kmieni milli mingħajr azzjoni politika. Il-prezzijiet tal-SAF jonqsu meta mqabbla mal-istimi attwali, u dan jikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-distakk fil-prezzijiet bil-fjuwil fossili tal-ġettijiet maż-żmien. L-għażliet ta' politika C1 u C2 iwasslu għall-ħolqien nett ta' impjiegi fl-UE, jiġifieri madwar 202,100 impjieg addizzjonali meta mqabbla mal-linja bażi. Fl-aħħar nett, it-tnaqqis fit-tniġġis tal-arja għandu effetti pożittivi fuq is-saħħa pubblika (jiġifieri l-kostijiet esterni mit-tnaqqis fit-tniġġis tal-arja b'madwar EUR 1,5 biljun matul il-perjodu 2021 sal-2050, meta mqabbel mal-linja bażi).

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta?

B'mod ġenerali l-għażliet ta' politika C1 u C2 iwasslu għal żieda fil-kostijiet ta' EUR 20,3 biljun (C1) u EUR 14,6-il biljun (C2) meta mqabbla mal-linja bażi matul il-perjodu 2021-2050. Dawn il-kostijiet huma fil-biċċa l-kbira xprunati minn żieda fil-kost tal-fjuwil tal-ġettijiet meta mqabbla mal-linja bażi, jiġifieri EUR 103,5 biljun (C1) u EUR 88,2 biljun (C2), espressi bħala valur attwali matul l-2021-2050. Iż-żieda fil-kostijiet tal-fjuwil hija riflessa fuq in-nollijiet tal-ajru, li huma stmati li jiżdiedu b'madwar 8,1-8,2 % sal-2050. Nollijiet oġhla tal-ajru jwasslu għal tnaqqis żgħir fl-attività totali tat-trasport bl-ajru tal-passiġġieri meta mqabbla mal-linja bażi, minkejja li għadhom qed jikbru b'77 % sal-2050 meta mqabbla mal-2015. Dan iwassal għal kostijiet kapitali u operazzjonali aktar baxxi għat-trasport bl-ajru meta mqabbla

¹ Fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika (RFNBOs) kif definiti fid-Direttiva riformulata dwar l-Enerġija Rinnovabbli (UE) 2018/2001. Ġeneralment magħrufa bħala "e-fjuwils" jew "Fjuwils Likwidi mill-Elettriku".
² L-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, id-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija u d-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli.

mal-linja bażi, jiġifieri b'EUR 84 biljun (C1) u EUR 74,5 biljun (C2). Il-kostijiet addizzjonali tal-loġistika jammontaw għal EUR 0,19 biljun (C1 u C2). Il-linji tal-ajru jġarrbu wkoll żieda fil-kostijiet tar-rapportar ta' EUR 0,34 biljun (C1 u C2) meta mqabbla mal-linja bażi, espressa bħala valur attwali matul l-2021-2050. Għall-produtturi tal-SAF, il-ħtiġijiet ta' investiment matul il-perjodu mill-2021 sal-2050 huma stmati għal madwar EUR 10,4-10,5 biljun. Fil-fatt, jeħtieġ li jinbnew bejn 104 u 106 impjanti addizzjonali tal-SAF fl-UE sal-2050 biex jipprovdu għall-kapaċità ta' produzzjoni meħtieġa tal-SAF.
Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?
L-impatt ta' din l-inizjattiva fuq in-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi x'aktarx li jkun marġinali u huwa diffiċli li jitbassar. L-ebda valutazzjoni dettaljata.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?
Filwaqt li din l-inizjattiva tiddependi fil-biċċa l-kbira fuq proċessi amministrattivi u ta' infurzar eżistenti li diġà huma fis-seħħ fil-kuntest ta' oqfsa regolatorji oħra tal-UE, l-awtoritajiet iġarrbu żieda fil-kostijiet amministrattivi ta' EUR 0.27 biljun (C1 u C2). Dan jikkorrispondi għal kostijiet oġhla għall-Istati Membri, jiġifieri EUR 264 miljun u EUR 2.7 miljun għall-awtoritajiet tal-UE.
Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?
Ma huwa previst l-ebda impatt sinifikanti ieħor.
D. Segwitu
Meta se tiġi rieżaminata l-politika?
Il-politika se tiġi evalwata filwaqt li jitħalla perjodu ta' żmien adegwat wara l-adozzjoni tal-proposta, biex il-miżuri jkunu effettivi u biex jiġu ġġenerati impatti. Sakemm ma jkunx hemm kwistjonijiet ta' implimentazzjoni dan mhux se jkun inqas minn ħames snin wara li l-leġiżlazzjoni tidhul fis-seħħ.